**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 14 t'April 2016**

**Pulizija**

**Spettur Spiridione Zammit**

**Vs**

**Jason Farrugia**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Jason Farrugia ta' 35 sena bin Joseph u Bernardette nee' Brincat imwieled Pieta' fit-3 ta' Dicembru 1977 u joqghod 20, Flat 1, Palm Court, Triq il-Palma, Rahal Gdid, detentur tal-karta ta' l-identita b'numru 16978M;

Talli nhar fit-30 ta' Mejju 2014 ghall-habta tat-3pm u/jew hinijiet wara fi Triq Palma, Rahal Gdid u/jew f'dawn il-gzejjer:

1) Volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' hsara fuq vettura ghamla Focus numru tar-registrazzjoni GVP097 liema hsara ma teccedix

1164.69 euro u teccedi 116.47 euro, li saret ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta u/jew ta’ persuni ohra;

2) U aktar talli fl-istess cirkustanzi attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontral-Ispettur Roderick Agius, PS590 I. Grima, PC1550 Joseph Mallia, PC1442 Kevin Spiteri, PC 1204 Keith Sultana bhala Ufficjali tal-Pulizija nkarigati skond i-Ligi minn Servizz Pubbliku, fil-waqt li kienu jagixxu ghal ezekuzzjoni tal-Ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-Ligi mill-Awtorita Kompetenti;

3) U aktar talli li fl-istess cirkustanzi ghamel ingurji u theddid fuq il-persuni tal-Ispettur Roderick Agius, PS590 I. Grima, PC1550 Joseph Mallia, PC1442 Kevin Spiteri, PC 1204 Keith Sultana bhala Ufficjali tal-Pulizija nkarigati skond i-Ligi minn Servizz Pubbliku, waqt li kienu qieghdin jaghmlu dan is-servizz bil-hsieb li jbezzaghhom jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

4) U aktar talli fl-istess cirkustanzi m’obdiex l-ordnijiet Legittimi ta’ l-Awtorita’ jew ta’ whud inkarigati minn Servizz Pubbliku, jew ma halliex jew fixkel lil dawn cioe’ lil-Ispettur Roderick Agius, PS590 I. Grima, PC1550 Joseph Mallia, PC1442 Kevin Spiteri, PC 1204 Keith Sultana waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom u billi ma halliehomx jaghmlu dak li bil-Ligi kienu ordnati li jaghmlu u jew jista’ jaghmlu w billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ghamel skond il-Ligi b’mod li jkun;

5) U aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi hebb ghall-Ispettur Roderick Agius, PS590 I. Grima, PC1550 Joseph Mallia, PC1442 Kevin Spiteri, PC 1204 Keith Sultana sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmlilhom hsara;

6) Ukoll talli fl-istess cirkustanzi ghad illi kien xurban, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen, jew indicenti, jew ghamel gesti oxxeni jew b’xi mod

iehor li mhux provdut fil-Kodici Kriminali offenda l-morali, l-imgieba jew id-dicenza pubblika;

7) U aktar talli fl-istess cirkustanzi b'xi mod iehor mhux imsemmi band' ohra fil-Kodici kiser volontarjament il-buon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

8) U aktar talli fl-istess cirkustanzi garr barra min xi fond jew id-dintorni tieghu sikkina jew strument li jaqta jew bil-ponta minghajr ma kellu licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

9) U aktar talli fl-istess cirkustanzi minghajr ma darab jew sawwat, qabad arma kontra l-l-Ufficjali tal-Pulizija PS5590 I. Grima u PC1550 Joseph Mallia.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 325 (1)(b), 96 (a), 95, 338 (ee), 339 (1)(d). 338 (bb), 338 (dd), 339 (1)(b),383, 384, 385, 386, 387, 412 C, 17, 31, 532 A u 533 tal-Kapitolu 9, u l-Artikoli 6 u 51 (7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. Nhar it-30 ta' Mejju 2014 il-Pulizija rceviet rapport li fir-residenza fejn kien qed joqghod l-imputat, kien hemm xi hadd li seta' ha "overdose" ta' sustanzi u li kien hemm

tentattiv ta’ suwicidju. Il-Pulizija waslet fuq il-post u sabet lill-imputat b’rabja fuqu u b’imgieba aggressiva hafna, aktarx wara li kien ha xi medicini. Omm l-imputat u s-siehba tieghu kienu hemm, inkwetati ghalih u ghal sahhtu. Il-Pulizija ppruvaw jaraw jekk kienx ha xi sustanzi jew jekk kienx xorob xi alcohol, izda l-imputat baqa’ ma jikkowopera xejn maghhom. Hu spicca hareg fit-triq, baqa’ rrabjat ghall-Pulizija, mentri waslet fuq il-post vettura tal-RIU b’ufficjali ohra tal-Pulizija. Hu baqa’ jirrabja ghalihom, u spicca jaghti b’idejh u kisser hgiega tal-istess vettura. Wara ftit tal-hin waslu tobba fuq il-post u ezaminaw lill-imputat, li issa beda jikkalma, u aktar tard u gie arrestat u investigat mill-Pulizija. Jumejn wara hu tressaq b’arrest fuq dawn l-akkuzi.

Mill-provi prodotti rrisulta li l-imputat kien ghaddej minn zmien difficli f’hajtu, u kien qed ihasseb sew lil ommu u lis-siehba tieghu. Ir-rapport li wasal lill-Pulizija kien fil-fatt maghmul minhom, ghax hasbu li kien ser jaghmel xi haga lil nnifsu. Kien ghalhekk li kien strumblat meta gew il-Pulizija fuq il-post. Irrisulta wkoll li minhabba fir-reazzjoni tal-imputat, il-Pulizija raw li seta’ kien ta’ periklu ghalih immifsu u ghall-ohrajn, u ghalhekk spiccaw biex arrestawh. Minn dawn il-provi l-Qorti hi tal-fehma li whud mill-akkuzi gew ippruvati, kwazi ammessi mill-istess imputat, izda ohrajn ma gewx ippruvati. Hekk, per ezempju, ghalkemm il-Pulizija qalet li l-imputat kellu sikkina f’idejh, din ma gietx elevate u ma nstabetx, u l-imputat fil-fatt jinnega li qatt kellu arma f’idejh. L-istess jista’ jinghad fejn gie akkuzat li hebb ghall-Pulizija, jew fejn qal kliem oxen u indecent. Ma gew prodotti ebda provi f’dan ir-rigward.

Kwantu ghall-piena, il-Qorti ser taghti sentenza ta’ prigunerija sospiza, flimkien ma’ ordni ta’ supervizjoni minn ufficjal tal-probation, sabiex isservi ta’ ghinuna u fl-istess waqt ta’ sorveljanza fuqu.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 25 b, 96(a), 95 (l), 339 d, 338bb, 339b, 338 dd, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 u l-Artikolu 6 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Issib lill-imsemmi imputat hati fuq l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u s-seba' akkuza kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannah ghal piena ta' sitt xhur prigunerija sospizi ghal sentejn taht supervizjoni, skond l-Artikolu 28G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ma ssibux hati tal-hames, is-sitt, it-tmien u d-disa' akkuza u ghalhekk qieghda tilliberah minnhom.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**